MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tas-6 ta' Frar, 2008

Appell Civili Numru. 14/2007

**Alice Agius**

**vs**

**Benedict Magro[1]**

**Il-Qorti,**

Fit-3 ta' Mejju, 2007, it-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumaturi ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **"**It-Tribunal
>
> Wara li ha konjizzjoni ta' l-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentat fis-6 ta' Ottubru 2006 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' disa' mija u tmenin Liri

[1] B'digriet tad-9 ta' Jannar, 2008 il-Qorti ordnat, in virtu ta' l-Artikolu 175 (2) tal-Kapitolu 12, il-korrezzjoni fir-rikors ta' l-appell fis-sens li l-ismijiet jigu invertiti biex jirriflettu l-okkju tas-sentenza appellata.

Maltin (Lm980) rapprezentanti prezz ta’ xoghol li huwa ta’ tmien mitt lira Maltin (Lm800) u ta’ materjal li huwa ta’ mija u tmenin Lira Maltin (Lm180) liema xoghol ma sarx tajjeb.

L-intimat ipprezenta risposta ghal din it-talba u attenda ghas-seduta.

Illi wara li sema’ x-xhieda tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema’ x-xhieda ta’ l-intimat li huwa l-istess intimat kif ukoll ta’l-espert imqabbad mit-Tribunal, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Ikkunsidra s-segwenti:

Ir-rikorrenti kkommissjonat lill-intimat sabiex jaghmilha xoghol ta’ manutenzjoni fid-dar taghha u li ghalih hallset is-somma totali ta’ disa’ mija u tmenin lira Maltin (Lm980) liema xoghol kellu hafna difetti u nuqqasijiet;

L-intimat issottometta illi hu kien ghamel ix-xoghol kollu miftiehem kif titlob is-sengha.

It-Tribunal ezamina r-rapport tal-Perit Ian Zammit B.E.&A., A.&C.E. kif ukoll ir-rapport ta’ l-espert tekniku imqabbad mit-Tribunal, is-Sur Vincent E. Ciliberti.

It-Tribunal jinnota illi x-xoghol ma sarx skond is-sengha u l-arti u fih ammont konsiderevoli ta’ nuqqasijiet.

Ghal dawn il-motivi:

It-Tribunal jilqa’ t-talba tar-rikorrenti u jordna lill-intimat ihallas is-somma ta’ seba’ mitt lira Maltin (Lm700) bl-ispejjez kontra l-istess intimat.”

L-intimat appella minn din is-sentenza bl-aggravji infraskritti:-

(1) L-appellata naqset milli tiffirma l-Avviz minnhaipprezentat quddiem it-Tribunal u dan igib li l-istanza minnha promossa hi affetta minn nullita` procedurali;

(2) L-azzjoni hi preskritta billi ghaddew aktar minn sentejn mill-ezekuzzjoni tax-xoghlijiet;

(3) It-Tribunal naqas milli jiddeciedi skond it-talba kif ifformulata;

(4) It-Tribunal naqas milli jaghtih l-opportunita` li jressaq l-osservazzjonijiet tieghu fir-rigward tar-rapport peritali;

Fermi dawn l-aggravji, il-Qorti ser tghaddi biex tinvestihom fl-istess ordni li tqajmu;

L-ewwel motiv ta' aggravju qed jitqies ghal kollox insostenibbli in kwantu huwa sew evidenti illi l-appellanti ma ssolleva l-ebda eccezzjoni tan-nullita` tal-procedura ghal dik ir-raguni quddiem it-Tribunal adit. Dan la fir-risposta tieghu u lanqas fil-kors tat-trattazzjoni tal-kaz tant li din l-istess eccezzjoni, issa mqanqla, qatt ma ffurmat kontroversja quddiem it-Tribunal u qatt ma giet hekk definita minnu. La dan ma sarx minnu fil-mument propizju, "mhux lecitu allura li f' dan l-istadju jqajjem eccezzjonijiet li hu kellu kull opportunita` li jissolleva fi stadju opportun quddiem l-ewwel istanza. Il-ligi tal-procedura dan mhux biss ma tippermettihx imma tipprovdi ghall-kuntrarju illi bl-akkwiexxenza tal-konvenut tigi sanata kull eventwali irregolarita` procedurali li seta' kien hemm." Ara "**Doris Gauci *et* -vs- Albino Micallef (High Flyers Services Ltd) *et***", Appell mit-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumaturi, 28 ta' April 1998;

It-tieni motiv ta' aggravju hu wkoll infondat. Dan fuq zewg livelli. L-ewwelnett, il-proposizzjoni generika tal-

preskrizzjoni mill-parti mharrka ma tawtorizzax lil gudikant li hu stess joqghod jirricerka x-xorta ta' preskrizzjoni applikabbli in kwantu l-oneru jaggrava dejjem fuq il-parti interessata u mhux fuq il-gudikant. Dan hu sew indott mill-interpretazzjoni ta' l-Artikolu 2111 tal-Kodici Civili li jipprovdi illi l-Qorti ma tistax *ex officio* taghti effett ghall-preskrizzjoni jekk din ma tigix eccepita mill-parti interessata. L-obbligu li l-parti tindika b' mod specifiku u sufficjentement car xi wahda mill-ipotesijiet tal-preskrizzjoni mil-ligi prevvisti hi haga inkombenti fuqu biss. Dan, *multo magis*, imbaghad, fejn il-Kodici Civili taghna jahseb ghal preskrizzjoni ta' sentejn f' diversi disposizzjonijiet jew incizi varji. Una volta, allura, li fil-kaz prezenti ma tirrizulta ebda deduzzjoni specifika f' dan is-sens mir-rikors ta' l-appell, l-eccezzjoni nnifisha tal-preskrizzjoni ma tistax hlief tigi dikjarata inammissibbli;

F' kull kaz, fuq dan l-istess punt tal-preskrizzjoni, ghandu jigi rilevat ukoll illi l-preskrizzjoni tas-sentejn imqanqla lanqas ma hi applikabbli ghall-fattispeci. Hawnhekk si tratta minn kuntratt ta' appalt jew *locatio operis*, u kif konkordament ritenut f' gurisprudenza kopjuza, fil-kaz ta' addebitu mill-kommittent lill-appaltatur li x-xoghlijiet ma sarux skond l-arti u s-sengha, tali jikkostitwixxi addebitu ta' natura kontrattwali u ma fihx karattru delittwuz jew kolpuz, u, ghalhekk, il-preskrizzjoni applikabbli kontra l-azzjoni hi dik ta' hames snin. Ara, a propozitu, "**Joseph Busuttil -vs- Emanuele Schembri**", Appell Civili, 19 ta' Frar, 1954 u "**David Demarco *nomine* -vs- Victor Vella *et nomine***", Appell, 23 ta' Jannar 1998;

It-tielet motiv ta' aggravju huwa forsi l-aktar wiehed importanti u ta' sustanza. Permezz tieghu l-appellanti jobbjetta illi t-Tribunal ma qaghadx fil-parametri tat-talba sottomessa lilu mill-appellata u ghadda biex ipprovda rimedju xort' ohra minn dak mitlub minn din;

Huwa pacifiku illi f' tema ta' inadempiment ta' kuntratt, kompriz allura wiehed ta' appalt jew *locatio operis*, il-ligi tipprovdi lill-kommittent, *qua* kreditur ta' l-obbligazzjoni,

rimedji varji. Hekk skond il-principji generali huwa ghandu l-jedd ghad-danni. Ukoll bla hsara ghal dawn l-istess danni, huwa jista' jitlob li tigi mnehhija kull haga li tkun saret bi ksur ta' l-obbligazzjoni, u jista' jigi moghti s-setgha li jnehhiha hu stess bi spejjez tad-debitur (Artikolu 1129, Kodici Civili). Dan naturalment ghal kaz li jkun stabbilit u verifikat illi dik l-obbligazzjoni ma tkunx sew ezegwita. In partikolari, ghal kaz in ispecje fejn ikun determinat li l-appalt ma giex kondott skond ir-regoli ta' l-arti u tas-sengha u x-xoghlijiet ikunu jirrizultaw difettuzi;

Jikkonsegwi ghalhekk mid-dizzjoni tal-precitat artikolu tal-Kodici Civili illi l-kommittent li jilmenta minn vizzji fix-xoghlijiet appaltati jista' jiltob jew li dawn jigu eliminati a spejjez ta' l-appaltatur jew li, alternattivament, u jista' jaghti l-kaz ukoll anke in aggunta, li jigi rizarcit id-danni derivanti minn dawk l-istess vizzji;

Issa minn kif koncepit l-Avviz promotur mill-appellata, bl-enfasi li taghmel biex l-appellanti inehhi x-xoghol hazin li ghamel, kjarament ir-rimedju prospettat minnha b' dik it-talba hu wiehed tendenti ghall-eliminazzjoni tad-difetti denunzjati minnha, u ahjar deskritti fir-rapport tal-perit Ian Zammit minnha inkarigat (fol. 39). Tqum allura l-mistoqsija jekk setax imbaghad it-Tribunal jikkundanna lill-appellanti ghar-rizarciment monetarju minflok dik tat-talba specifika ghat-tnehhija tad-difetti a spejjez ta' l-istess appellanti. Fil-hsieb tal-Qorti z-zewg xorta ta' azzjonijiet ma humiex surrogabbli wahda ghall-ohra u mhux konsentit li wiehed jottjieni bid-domanda ghall-eliminazzjoni tal-vizzji dik ghar-rizarciment monetarju, jekk din ma gietx mitluba. Apparti mill-aspetti singolari tal-kaz, din il-Qorti diversament presjeduta, ikkonsidrat kwestjoni konsimili fid-decizjoni taghha tas-27 ta' Ottubru 2000 per Imhallef Joseph Said Pullicino in re: "**France Felice *et* -vs- Paul Azzopardi**". Dan fuq appell ta' l-atturi f' dik il-kawza li ppretendew li huma kienu qed jitolbu r-rexxissjoni tal-bejgh tal-kcina u mhux li l-konvenut jaghmel xoghlijiet riparatrici. Fiha, il-Qorti irriteniet li dawk l-appellanti seta' kellhom ragun li kieku l-atti processwali kienu jissufragaw

l-aggravju taghhom imma la darba huma specifikament talbu li jsiru dawk ix-xoghlijiet l-Qorti ma setghetx tirravvisa dak pretiz minnhom u l-ebda vjolazzjoni tal-principji tad-dritt naturali kif hekk sottomess minnhom;

Jitnissel b' konsegwenza minn dan kollu espost illi t-Tribunal ma setax fil-kaz prezenti jordna mill-appellanti r-rizarciment f' forma monetarja ghax dwarha kienet tonqos il-*causa petendi*. Hu kellu invece jikkundanna lill-appellanti biex fi zmien li jigi prefiss lilu jezegwixxi x-xoghlijiet rimedjali okkorrenti ghall-eliminazzjoni tad-difetti kkonstatati mill-perit gudizzjarju fil-perizja, u fin-nuqqas, li l-appellata tipprovdi hi stess direttament ghall-eliminazzjoni taghhom a spejjez ta' l-appellanti. A skans li jigu inkorsi spejjez inutli u dilungar zejjed din il-Qorti ser tahseb f' dan is-sens bl-infraskritt provvediment fil-parti decizorja ta' din is-sentenza. Wara kollox, dan hu hekk ukoll akkonsentit lilha bl-Artikolu 22 (2) tal-Kapitolu 378;

Fil-kaz tar-raba' u l-ahhar motiv ta' aggravji din il-Qorti ma tistax ma tinnotax illi, kuntrarjament, ghal dak pretiz mill-appellanti, l-atti processwali ma jissufragawx it-tezi tieghu illi d-decizjoni ttiehdet kontra d-dettami tal-gustizzja naturali u li l-azzjoni ppregudikat b' mod gravi l-jeddijiet tieghu. Huwa ressaq ir-risposta tieghu ghat-talba ta' l-appellata, attenda ghas-seduti li nzammu u seta' allura, kieku ried, jaghmel is-sottomissjonijiet li dehrlu opportuni biex jirribatti l-konkluzjonijiet peritali. Effettivament, ma jirrizultax li l-appellanti talab li jikkonfuta l-opinjoni ta' l-espert tekniku nominat u din it-talba giet negata lilu. L-aggravju tieghu in mertu qieghed konsegwentement jigi respint.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tichad l-ewwel, it-tieni u r-raba' kapi ta' aggravji. Tilqa' t-tielet aggravju b' dan li qed timmodifika s-sentenza appellata billi tikkundanna lill-appellanti jaghmel fi zmien improrogabbli ta' xahar millum u a spejjez tieghu x-xoghlijiet rimedjali ghall-eliminazzjoni tad-difetti riskontrati. Fin-nuqqas li l-appellanti jaghmel

dan fiz-zmien lilu preskritt, l-appellata hi minn issa awtorizzata taghmel l-istess xoghlijiet a spejjez ta' l-appellanti. F' kull kaz, ix-xoghlijiet jew l-ispejjez iridu jkun approvati mill-espert tekniku Vincent E. Ciliberti li qed jigi nominat minn din il-Qorti ghal dan l-iskop. Il-hlas ta' l-onorarju ta' dan l-istess espert jibqa' a karigu ta' l-appellanti. L-ispejjez gudizzjarji relattivi ta' din l-istanza jitbatew kwantu ghal tliet kwarti (¾) mill-appellanti u kwart (¼) mill-appellata. Dawk ta' l-ewwel istanza jibqghu kif decizi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------